MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 953/2005

Bank of Valletta p.l.c (C 2833)
Vs
Richard Ellul (I.D. 50881(M))

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-bank attur fejn gie premess:

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 22 t' Ottubru 2003 (Dok "A"), in atti Nutar Dottor Pierre Falzon, is-socjeta' attrici ikkoncediet facilita' bankarja lil konvenut Richard Ellul;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Richard Ellul fis-somma ta' tletin elf, seba' mija u tmienja u tmenin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm30,788.74) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Richard Ellul

mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok “B”, “C”, “D”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Settembru 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datat 22 t’ Ottubru 2003 fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument “A”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Richard Ellul (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kien inadempjenti f’ obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut Richard Ellul li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’ hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’ daqqa.

Illi l-konvenut gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 19 t’ Awissu , 2004 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “E”, sabiex ihallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqgha inadampjenti,

Ghalhekk l-istess bank attur talab li l-konvenut jghid ghaliex m’ ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija: -

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament billi Richard Ellul (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kien inadempjenti f’ obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut Richard Ellul li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

(2) Tikkundanna lil Richard Ellul ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tletin elf, seba’ mija u tmienja u tmenin

liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm30,788.74) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Richard Ellul mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok “B”, “C”, “D”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Settembru, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 19 t’ Awissu 2004 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li gew prezentati kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-konvenut li gie ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat li l-konvenut debitament notifikat naqas li jidher u naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u b’ hekk hu kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Semghet lix-xhud prodott mill-bank attur;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat: -

Peress illi t-talbiet tal-bank attur jirrizultaw gustifikati u b’ mod partikolari jirrizulta li l-konvenut ma ottemperax ruhu ma’ l-obbligi kif kontenuti fil-kuntratt ta’ self tat-22 ta’ Ottubru, 2003, dokument A, u b’ mod partikolari jirrizulta li l-konvenut naqas li jhallas il-pagamenti rateali kif kien obbligat li jaghmel skond l-imsemmi kuntratt.

Ghal dawn il-mottivi;

Tiddeciedi: -

Billi tilqa’ t-talbiet kollha attrici u tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-istess kuntratt tat-22 t’ Ottubru, 2003, dokument A, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tletin elf, seba’ mija u tmienja u tmenin liri Maltin u erbgha u sebghin centezmi

(LM 30,788.74), bilanc ghad-debitu fil-‘loan accounts’ tal-konvenut mal-bank attur, u dana oltre l-imghaxijiet kollha dovuti skond il-ligi, mill-21 ta’ Settembru, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------